

Brussell, 7 ta' Mejju 2022
(OR. fr)

8473/22

LIMITE

JAI 532
FREMP 79
AG 44
POLGEN 55

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Il-Valuri tal-Unjoni - Ungerija - Proposta Motivata f'konformità mal-Artikolu 7(1) TUE - Ambitu tas-smiġħ tal-Ungerija tat-23 ta' Mejju 2022

1. Fit-12 ta' Settembru 2018, il-Parlament Ewropew adotta proposta motivata għal deċiżjoni tal-Kunsill li tiddetermina, f'konformità mal-Artikolu 7(1) TUE, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni¹.
2. L-aġenda proviżorja tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-23 ta' Mejju 2022 tinkludi l-punt "Valuri tal-Unjoni - Ungerija - Proposta Motivata f'konformità mal-Artikolu 7(1) TUE - Smiġħ tal-Ungerija f'konformità mal-Artikolu 7(1) TUE".
3. Fit-18 ta' Lulju 2019, il-Kunsill approva l-modalitajiet standard għas-smiġħ imsemmi fl-Artikolu 7(1) TUE². F'konformità ma' dawn il-modalitajiet, l-ambitu sostantiv tal-kwistjonijiet li għandhom jiġu koperti minn smiġħ għandu jiġi approvat mill-Coreper f'konformità mal-ambitu tal-kwistjonijiet li tqajmu fil-proposta motivata li skattat il-proċedura tal-Artikolu 7(1) TUE.
4. Il-Kunsill sema' lill-Ungerija tliet darbiet: fis-16 ta' Settembru, fl-10 ta' Diċembru 2019 u fit-22 ta' Ġunju 2021.

¹ Dok. 12266/1/18 REV 1 + ADD 1.

² Dok. 10641/2/19 REV 2.

5. B'kont meħud taż-żmien li għadda mill-aħħar seduta ta' smiġħ tal-Ungerija u tal-fatt li setgħu saru żviluppi sinifikanti, huwa ssuġġerit li r-raba' seduta ta' smiġħ tal-Ungerija tkopri l-kwistjonijiet kollha mqajma fil-proposta motivata tal-Parlament Ewropew, sabiex il-Kunsill ikollu stampa aġġornata tas-sitwazzjoni fl-Istat Membru inkwistjoni.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper huwa mistieden jaqbel ma' dan l-arranġament.